



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.1.2014
COM(2014) 37 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Dwar il-Progress fir-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika

{SWD(2014) 37 final}

1. INTRODUZZJONI

F'Lulju 2012, il-Kummissjoni Ewropea rrapportat permezz ta' valutazzjoni ġenerali tal-progress li qed tagħmel ir-Rumanija, ħames snin wara li nħoloq il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika (MKV).¹ Hija nnutat li ħafna mill-elementi strutturali meħtieġa kienu fis-seħħ, u li l-MKV kien għamel kontribut importanti għar-riforma fir-Rumanija. L-attenzjoni kienet qed timxi lejn l-implimentazzjoni tar-riformi. Ir-rapport, il-metodoloġija tiegħu u l-konklużjonijiet tiegħu kienu approvati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri.²

Ir-rapport kien ukoll karatterizzat mill-avvenimenti ta' Lulju 2012 fir-Rumanija, u qajjem mistoqsijiet speċifiċi rigward l-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura fir-Rumanija. F'Jannar 2013 il-Kummissjoni ddedikat rapport interim għal dawn il-kwistjonijiet.³ Ir-rapport ikkonkluda li r-Rumanija kienet implimentat ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, iżda mhux kollha. Huwa nnota ukoll il-bżonn li jitħaffef il-progress fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-riforma tal-ġudikatura, l-integrità u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Dan ir-rapport jivvaluta l-progress li għamlet ir-Rumanija minn meta saru dawn iż-żewġ rapporti fiż-żewġ oqsma ewlenin tal-MKV li huma r-riforma tal-ġudikatura u l-ħidma kontra l-korruzzjoni. Il-ġrajja tal-MKV s'issa turi li l-progress mhwiex mingħajr xkiel, għaldaqstant il-progress f'qasam wieħed jista' jiġi mxekkel jew ikkanċellat bi tfixkil x'imkien ieħor. F'Diċembru 2013, id-deċiżjonijiet fil-Parlament servew biex ifakkru li l-prinċipji u l-oġettivi ċentrali tar-riforma għadhom qed jiġu kkontestati - l-intervent tal-Qorti Kostituzzjonali kien meħtieġ biex itenni dawn il-prinċipji. Dan jagħmilha partikolarment diffiċli biex tiġi vvalutata s-sostenibbiltà tar-riforma u jiġi kkalkulat kemm hemm momentum domestiku biex tkun żgurata xejra ġeneralment pożittiva.

Ta' min wieħed jinnota li ċ-ċirkustanzi diffiċli tal-2012 ma xellfux id-determinazzjoni ta' ħafna istituzzjonijiet u individwi fir-Rumanija biex ikomplu jikkonsolidaw il-progress. Il-Kummissjoni temmen li l-proċess ta' monitoraġġ tal-MKV, l-opportunitajiet li jipprovdu l-fondi tal-UE u l-impenn kostruttiv tal-Kummissjoni u ta' ħafna Stati Membri jkomplu jipprovdu sostenn prezzjuż għar-riforma fir-Rumanija. Ir-rapport li jmiss se jsir fi żmien madwar sena.

¹ COM(2012)410 finali

² 24 ta' Settembru 2012

³ COM(2013)47 finali L-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu kienu approvati fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali fil-11 ta' Marzu 2013.

2. IL-QAGĦDA TAL-PROĊESS TA' RIFORMA FIR-RUMANIJA

2.1 *Is-Sistema Ġudizzjarja*

L-indipendenza ġudizzjarja u l-istat tad-dritt kienu tema partikolari fir-rapport ta' Lulju 2012 u s-segwitu tiegħu f'Jannar 2013.⁴ Kienet ukoll kwistjoni konsistenti fid-dibattitu domestiku Rumani, fejn l-istituzzjonijiet ġudizzjarji poġġew enfasi akbar fuq dan l-aspett tal-ħidma tagħhom. Din setgħet influwenzat il-livell ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet ġudizzjarji fir-Rumanija.⁵

L-Indipendenza Ġudizzjarja u l-istat tad-dritt

L-Ordni Kostituzzjonali

Għalkemm mhux strettament parti mill-ġudikatura, il-Kostituzzjoni u l-Qorti Kostituzzjonali jinsabu fil-qalba tal-istat tad-dritt. L-isfida għall-awtorità tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sajf tal-2012 ma rrepetietx ruħha, u din pjuttost ikkonsolidat l-irwol tagħha bħala arbitru importanti. Il-Qorti se jkompli jkollha rwol ewlieni biex tiddefendi l-prinċipji ewlenin bħas-separazzjoni tal-poteri, inkluż kwalunkwe diskussjoni futura dwar it-tibdil fil-Kostituzzjoni.

Bid-dibattitu Kostituzzjonali mistenni li jirritorna din is-sena, huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura jkollu l-opportunità jikkummenta dwar l-oqsma kollha rilevanti għall-ġudikatura. B'mod partikolari, se tkun meħtieġa attenzjoni biex jiġu ostakolati tibdiliet li jżidu l-opportunità biex il-politiċi jkollhom akar influwenza fuq it-tmexxija ġudizzjarja jew biex jisfidaw l-indipendenza jew l-awtorità ġudizzjarja. Għal din ir-raġuni, l-impenn tal-gvern li jikkonsulta l-Kummissjoni ta' Venezja b'mod partikolari huwa sinjal importanti fl-impenn tar-Rumanija biex tibbaża kwalunkwe tibdil Kostituzzjonali futur fuq normi Ewropej. L-awtoritajiet Rumani għamlu ċar ukoll l-intenzjoni tagħhom li jżommu lill-Kummissjoni Ewropea infurmata.

Pressjoni fuq l-indipendenza ġudizzjarja

Fis-sajf u fil-ħarifa tal-2012, il-Kummissjoni rċeviet għadd kbir ta' rappreżentanzi minn istituzzjonijiet ġudizzjarji rigward kritika diretta minn politiċi u attakki minn mezz tal-informazzjoni b'motivazzjoni politika fuq imħallfin u prosekuturi individwali u membri tal-familji tagħhom kif ukoll fuq istituzzjonijiet ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni.⁶ L-għadd u l-qawwa ta' tali attakki jidher li naqas minn Lulju 2012 'l hawn, iżda għad fadal xi eżempji. Dawn jinkludu każi fejn istituzzjonijiet ġudizzjarji u maġistrati ġew ikkritikati direttament hekk kif ħadu deċiżjonijiet ġudizzjarji dwar personalitajiet politiċi importanti.

Dan jikkontrasta mal-prassi f'ħafna Stati Membri oħra, fejn ir-rispett għall-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri u l-indipendenza ġudizzjarja, kemm jekk permezz ta' regoli jew konvenzjonijiet, jillimita safejn il-politiċi jikkummentaw fuq id-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

⁴ COM(2012) 410 finali, COM(2013) 47 finali

⁵ F'edizzjoni speċjali Nru 385 tal-Ewrobarometru dwar il-ġustizzja, il-fiduċja tal-pubbliku Rumani fil-ġudikatura, b'44%, ma kinitx wisq taħt il-medja tal-UE (53%) u r-Rumanija kienet fis-17-il post mill-UE-28 f'dik li hija fiduċja.

⁶ COM (2013) 47 finali, p 4

Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM) huwa d-difensur ewlieni tal-indipendenza tal-ġustizzja u segwa dan il-kompitu b'mod sistematiku u professjonali, u dan għen biex il-kwistjoni tittieħed b'aktar serjeta' miċ-ċittadini u mill-politiċi. Mill-kompiti li għandu l-KSM dan irriżulta f'wieħed b'importanza dejjem tiżdied, u proċedura ċara u miftuħa għall-pubbliku dwar kif il-KSM jirreaġixxi f'każi bħal dawn għandha tgħin biex tikkonsolida dan l-irwol. Il-KSM jista' wkoll ifittex modi oħra biex juri l-appoġġ istituzzjonali għall-applikazzjoni tal-indipendenza għudizzjarja fil-prattika billi jagħti appoġġ lil maġistrati individwali f'ċirkustanzi bħal dawn.⁷

Il-Ministru tal-Ġustizzja kien ukoll mexxa inizjattiva utili biex jitwaqqaf dialogu bejn il-mezzi tal-informazzjoni u l-maġistrati. Għarfien reċiproku aħjar u approċċ professjonali lejn trattament tal-mezzi tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet għudizzjarji jistgħu jwasslu biex jitjiebu r-relazzjonijiet. Iżda jibqa' l-każ li l-progress se jkun diffiċli jekk il-kritika minn dawk fl-awtorità għall-maġistrati u d-deċiżjonijiet għudizzjarji tibqa' għaddejja.

Rispett għad-deċiżjonijiet tal-qrati.

Din hija marbuta ma' aspekt importanti tas-separazzjoni tal-poteri u l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-deċiżjonijiet tal-qrati. Din topera fuq ħafna livelli differenti. In-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti jew każi fejn l-amministrazzjoni pubblika tikkontesta mingħajr ġustifikazzjoni d-deċiżjonijiet tal-qorti jikkostitwixxu sfidi għan-natura vinkolanti tad-deċiżjonijiet tal-qorti.

Din hija problema li tmiss lill-ogħla organi tal-istat. Minn Lulju 2012 'l hawn, il-ġudikatura aktar minn darba kellha tirrikorri għall-Qorti Kostituzzjonali wara nuqqas ta' rieda min-naħa tal-Parlament biex jitermina mandati bħala riżultat ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti dwar inkompatibbiltà ta' membru parlamentari. L-aktar deċiżjoni reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali dwar din il-kwistjoni tmur lura għal Novembru 2013, Madankollu s-Senat għadu ma ħax azzjoni.

Ħatriet flivell għoli

Il-ħatriet fis-sistema għudizzjarja huma wieħed mill-mezzi ewlenin biex tintwera l-indipendenza għudizzjarja u tal-prosekuzzjoni. Il-proċess tal-MKV enfasizza l-importanza ta' proċeduri ċari, oġġettivi u maħsuba biex jirregolaw ħatriet bħal dawn:⁸ ħatriet mhux motivati politikament ta' persuni li għandhom livell għoli ta' professjonaliżmu u integrità huma essenzjali għall-fiduċja pubblika fis-sistema għudizzjarja.

Ir-rekord tas-sena li għaddiet hija mħallta.⁹ Fil-każ tat-tmexxija tal-Qorti Superjuri ma kien l-ebda sinjal ta' indħil fil-proċess. Is-sitwazzjoni hija aktar diffiċli fil-każ tal-prosekuzzjoni, fejn il-proċess tal-ħatriet inniedi f'Settembru 2012 kellu xaqliba politika qawwija tant li tibdil sussegwenti ma rnekkilux jegħlibha. Dan seta' wassal biex jiskoraġġixxi xi kandidati milli

⁷ Tasqsima 1.1.1. tar-Rapport Tekniku

⁸ Pereżempju, COM(2012) 410 finali sejħet għal "proċess trasparenti u oġġettiv ta' ħatriet [għall-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni], permezz ta' kompetizzjoni miftuħa bl-użu ta' kriterji ċari, li timmira għat-tmexxija l-aktar b'saħħitha possibbli u bil-għan ta' kontinwità fil-funzjonament ta' dawn l-istituzzjonijiet". Ara wkoll il-konklużjonijiet mill-Kunsill tal-Ministri, l-aktar reċenti tat-13 ta' Marzu 2013.

⁹ Tasqsima 1.5. tar-Rapport Tekniku

japplikaw. Il-proposta finali tal-kandidati kienet tinkludi xi personalitajiet b'rekords stabbiliti fil-qasam kontra l-korruzzjoni. Madankollu, l-eżitu ġenerali ma kienx ir-riżultat ta' proċess trasparenti imfassal biex jippermetti skrutinju tal-kwalitajiet tal-kandidati u kompetizzjoni vera u proprja. Il-Kummissjoni soġġobha mid-deċiżjoni li ma tiġix segwita proċedura solida, filwaqt li nnutat li dan kien ipoġġi r-responsabbiltà fuq dawk maħtura biex juru l-impenn tagħhom li jsegwu x-xogħol ta' dawn l-istituzzjonijiet fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Fil-ħarifa tal-2013 qamet kwistjoni diffiċli oħra bil-ħatriet ta' kap u deputat kap tat-taqsimat tad-DNA. Hawn ukoll, ħatriet temporanji għal pożizzjonijiet *ad interim* ġew itterminati heżrem, u saru nominazzjonijiet mill-Ministru tal-Ġustizzja li ma segwewx għal kollox il-proċedura ta' konsultazzjoni mal-kap tad-DNA. Wara li saret kritika mill-pubbliku u mill-KSM, sar it-tieni proċess, iktar konsenswali u skont ir-regoli, li rriżulta f'sett differenti ta' ħatriet permanenti. L-għażla taż-żmien wasslet ukoll għal tħassib pubbliku li kien hemm rabta bejn deċiżjonijiet tad-DNA dwar personalitajiet politiċi, flimkien mal-kritika pubblika politika tal-prosekuturi.¹⁰

Il-qafas legali

Il-Kodiċijiet legali ġodda

Rapport tal-MKV wara l-ieħor segwew il-proċess tal-iżvilupp tal-Kodiċijiet legali ġodda fir-Rumanija. Ir-rapport ta' Lulju 2012 jenfasizza li dan kien jirrappreżenta modernizzazzjoni sostanzjali tal-qafas legali Rumani. Filwaqt li l-implimentazzjoni ma kinitx faċli, partikolarment meta kellhom jinżammu sistemi paralleli, kien hemm sens dejjem jiżdied li l-istituzzjonijiet tat-tmexxija ġudizzjarja qed jaħdmu flimkien mal-Ministeru tal-Ġustizzja sabiex jiffaċilitaw it-transizzjoni. It-tnejn għad-dħul fis-seħħ tal-Kodiċijiet Kriminali l-ġodda fittxew li tittieħed tagħlima mill-esperjenza tal-passat.¹¹ Il-Ministeru tal-Ġustizzja ggarantixxa wkoll baġit addizzjonali u postijiet biex isostnu l-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet ġodda. Dan kien ta' għajjnuna biex jiġu stabbiliti skandenzi itwal, iżda realistiki, għall-proċess.

Il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali l-ġdid li se jiġi implimentat minn Frar huwa karigu importanti: id-dispożizzjonijiet kollha huma direttament applikabbli, u l-kodiċi jintroduċi żewġ istituzzjonijiet ġodda, l-imħallef tad-"drittijiet u tal-libertà" u l-imħallef tal-"kamra preliminari." Huwa għalhekk partikolarment importanti li l-problemi jiġu antiċipati u solvuti fejn possibbli. Monitoraġġ regolari tal-effett u l-implimentazzjoni fil-fatt tad-dispożizzjonijiet ġodda se jkun importanti ladarba l-Kodiċijiet il-ġodda jidħlu fis-seħħ.

Diffikultà li għadha hemm hija l-instabbiltà tal-Kodiċijiet il-ġodda ftit xhur qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ. Diversi problemi leġali ġew identifikati, li jistgħu jirrikjedu emendi fil-kodiċijiet jew fil-liġi għall-applikazzjoni tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali li għad iridu jiġu adottati qabel id-dħul fis-seħħ¹². Barra minn hekk, f'Diċembru 2013, il-Parlament Rumani ivvota sensiela ta' emendi għall-Kodiċi Kriminali, li ġew dikjarati mhux kostituzzjonali mill-Qorti Kostituzzjonali (ara iktar 'l isfel).

¹⁰ Tasqsima 1.5. tar-Rapport Tekniku

¹¹ Tasqsima 1.2.2. tar-Rapport Tekniku

¹² Tasqsima 1.2.2. tar-Rapport Tekniku

Il-Konsistenza tal-Ġurisprudenza

L-introduzzjoni tal-Kodiċijiet hija wkoll opportunità importanti biex tiġi indirizzata l-konsistenza tal-ġurisprudenza. Inkonsistenza u n-nuqqas ta' prevedibbiltà fil-ġurisprudenza tal-qrati jew fl-interpretazzjoni tal-liġijiet għadha tippreżenta tħassib kbir għall-komunità tan-negożju u għas-soċjetà in ġenerali.

Il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (HCCJ) ħadet għadd ta' passi siewja biex tindirizza din il-kwistjoni. Il-Kodiċijiet ta' Proċedura l-ġodda jiffukaw mill-ġdid l-appelli tattienu istanza fuq l-iskop primarju tagħhom ta' kassazzjoni u jirrinfurzaw l-irwol tal-Qorti Għolja li ttejjeb il-konsistenza. Il-proċedura preliminari ta' deċiżjoni se ġgħib proċedura ġdida biex tippermetti mistoqsijiet li jridu jitressqu quddiem il-Qorti Għolja għal deċiżjoni interpretattiva li hija vinkolanti kemm għall-qorti nnifisha kif ukoll għal kawżi futuri. Kemm f'dak li hu taħriġ kif ukoll fil-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet motivati tal-qorti, il-Qorti Għolja u l-KSM qed jieħdu passi importanti biex jindirizzaw dan, inkluż li jagħtulill-imħallfin u lill-iskrivani aċċess għad-deċiżjonijiet tal-qorti mill-qrati l-oħra kollha tal-pajjiż. Il-pass li jmiss għandu jkun li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet kollha tal-qorti jkunu aċċessibbli għall-professjoni legali u l-pubbliku in ġenerali.¹³

Jibqa' l-fatt li għad hemm reżistenza f'ċerti oqsma biex isegwu l-ġurisprudenza jew il-gwida tal-qrati superjuri u dan jimpedixxi l-funzjonament normali tas-sistema ġudizzjarja. L-inċertezza li tirriżulta toħnoq il-fiduċja fis-sistema ġudizzjarja, filwaqt li toħloq ineffiċjenza u frustrazzjoni kemm għall-operaturi kummerċjali kif ukoll għaċ-ċittadini. Il-kapijiet tal-qrati jistgħu jagħmlu aktar biex jenfasizzaw l-importanza tal-konsistenza lill-kollegi tagħhom, u b'mod partikolari biex jikkontestaw kawżi fejn id-deċiżjonijiet jidhru li jkunu mhux skont il-prassi tal-Qorti Għolja. Għall-parti tagħha, il-Qorti Għolja jeħtieġ issib tarf ta' kawżi fejn id-deċiżjonijiet tagħha stess jidhru inkonsistenti.

Sors addizzjonali ta' diffikultajiet fl-applikazzjoni uniformi tal-liġi tirrigwarda l-kwalità u l-istabbiltà tal-qafas legali. L-għadd kbir ta' Ordinanze ta' Emerġenza jew proċedimenti parlamentari li ma jirrispettawx il-minimu tat-trasparenza ħafna drabi ma jħallux spazju għal valutazzjoni, konsultazzjoni u tħejjija xierqa, anke meta l-urġenza mhijiex ċara. B'riżultat ta' dan l-imħallfin, il-prosekuturi, l-avukati, in-negożji, l-amministrazzjonijiet u ċ-ċittadini li jridu japplikaw il-liġi jikkonfondu u jagħmlu l-iżbalji, u hemm ir-riskju ta' lakuni li jistgħu jintużaw biex il-liġi tiġi interpretata b'mod diverġenti.

Riforma strutturali tas-sistema ġudizzjarja

Strateġija għar-Riforma tal-Ġudikatura (2014-2018)

Il-Ministeru tal-Ġustizzja qed jaħdem biex jiżviluppa Strateġija għall-Iżvilupp tal-Ġudikatura (2014-2018). L-istrateġija għandha l-għan li ssaħħaħ ir-riformi attwali u l-istituzzjonijiet ġudizzjarji u li żżid il-fiduċja fil-ġudikatura. Il-miri ġenerali - effiċjenza akbar, tisħiħ istituzzjonali, integrità, kwalità, trasparenza u aċċess għall-ġustizzja - huma konsistenti max-xogħol magħmul fi Stati Membri oħra u fil-livell Ewropew. L-għan hu li jkun hemm strateġija u pjan ta' azzjoni li jakkumpanjawha adottati fi Frar 2014. Għal inizjattiva bħal din,

¹³ Taqsima 1.3.2 tar-Rapport Tekniku tiddekrivi l-inizjattivi differenti li tieħdu s'issa.

kooperazzjoni mill-qrib bejn il-gvern u l-istituzzjonijiet ġudizzjarji hija essenzjali, u l-Ministru rnexxielu jġib l-istituzzjonijiet flimkien. Il-kunsens se jgħin ukoll biex jirfed l-awtorità tal-istrateġija. Ikun importanti li jiġu involuti wkoll professjonijiet legali oħra bħal avukati, nutara u bailiffs fil-proċess.

Element importanti għal kwlaunkwe riforma futura tas-sistema ġudizzjarja jkun li tiżdied il-kapaċità tal-ġestjoni ġudizzjarja biex b'hekk jittieħdu deċiżjonijiet infurmati aktar, ibbażati fuq il-ġbir affidabbli tad-dejta dwar il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja, riċerka u ppjanar fit-tul. Stati Membri oħra wkoll; użaw prattiki bħal sħarriġ dwar l-utenti tal-qrati u sħarriġ dwar il-persunal biex ikunu infurmati bid-dgħufijiet tas-sistema.

Il-ġestjoni tal-volum tax-xogħol u l-effiċjenza tal-ġustizzja

Il-volum eċċessiv tax-xogħol f'ċerti qrati huwa rikonoxxut bħala problema li għadha għaddejjja, li jagħmluha agħar l-inċertezzi dwar l-impatt tal-Kodiċijiet. Diversi xejriet siewja fis-sistema ġudizzjarja, inkluż l-ispeċjalizzazzjoni, użu aħjar tal-iskrivani tal-qorti, u miżuri ta' prassi tal-qorti biex jiġi evitat dewmien fastidjuż, jista' lkoll ikollhom impatt.

Madankollu, huwa importanti wkoll li wieħed iħares lejn il-kwistjoni li ilha tezisti¹⁴ tal-ibbilanċjar mill-ġdid tar-riżorsi disponibbli billi jsir tfassil mill-ġdid tal-mappa ġudizzjarja. Din il-bidla madankollu tkun teħtieġ emendi leġiżlattivi, u minkejja s-sostenn tal-Ministeru tal-Ġustizzja, jidher li l-appoġġ tal-Parlament għadu inċert.

L-integrità tal-ġudikatura

Il-KSM enfasizza l-politika tiegħu ta' tolleranza żero rigward it-trattar ta' problemi tal-integrità fil-ġudikatura u bl-għajjnuna tal-Ispettorat, qed jiżviluppa approċċ iktar konsistenti u mirqum. Se jkun importanti li dan jiġi rifless f'approċċ konsistenti mit-taqsimha amministrattiva tal-Qorti Għolja. Jidher li dan irriżulta f'għadd kbir ta' kawżi,¹⁵ iżda se jkun meħtieġ monitoraġġ ulterjuri biex jiġi stabbilit jekk l-effett deterrent huwiex qed jaħdem.

2.2 Il-qafas tal-Integrità

Il-qafas tal-Integrità huwa wieħed mill-karatteristiċi ewlenin tal-MKV. Huwa jiddependi fuq istituzzjonijiet u regoli biex jiżgura li l-aspettattivi jkunni ċari u implimentati kif suppost. Huwa jiddependi ħafna wkoll fuq l-aċċettazzjoni politika u kulturali li l-integrità hija prinċipju importanti għall-uffiċjali pubbliċi u li t-trasgressjonijiet għandu jkollhom il-konsegwenzi.

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità (ANI) u l-Kunsill Nazzjonali għall-Integrità (NIC)

Matul din l-aħħar sena, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità (ANI) kompliet tikkonsolida r-rekord tajjeb tagħha.¹⁶ Madankollu hemm ostakoli kontinwament, u differenzi bejn il-progress li jsir fuq l-inkompatibilitajiet, il-kunflitt ta' interess u ġid mhux ġustifikat. B'mod, partikolari,

¹⁴ Ara pereżempju COM(2012) 410 finali, p. 8

¹⁵ Taqsima 1.4.4. tar-Rapport Tekniku Din it-taqsimha tinnotta wkoll il-proporzjon kbir ta' kawżi li ġew kontestati b'suċċess fil-Qorti Għolja, biex b'hekk l-effettività tal-miżuri ġiet kompromessa.

¹⁶ Taqsima 2.1.3. tar-Rapport Tekniku

l-ANI u l-amministrazzjoni tagħha ffaċċaw sensiela ta' attackki, li ħafna drabi kienu jidhru li jikkoinċiedu ma' kawżi tal-ANI kontra personalitajiet politiċi għolja. Il-Kunsill Nazżjonali għall-Integrità wera l-valur tiegħu bħala korp ta' sorveljanza li hu kapaċi jispjega l-mandat tal-ANI u li jintervjeni pubblikament meta meħtieġ.

L-ANI sar iktar stabbilit bħala istituzzjoni, bil-gvern jappoġġa titjib fir-riżorsi biex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tiegħu. Ir-relazzjonijiet tiegħu ma' aġenziji oħra tal-gvern huma kruċjali, u l-ANI daħħal fis-seħħ sensiela ta' ftehimiet ta' ħidma biex jirregolaw dawn ir-relazzjonijiet - anke jekk uħud minnhom huma iktar produttivi minn oħrajn. Id-deċiżjonijiet tal-ANI huma ħafna drabi kkontestati fil-qorti, iżda d-dejta turi li f'aktar minn 80% tal-kostestazzjonijiet tad-deċiżjonijiet tal-ANI fuq il-kunflitt ta' interess, il-qrati kkonfermaw il-konklużjonijiet tal-ANI.

Il-qrati jidhru li saru familjari mal-qafas tal-integrità. Iżda l-każisitka għadha mhix uniformi, b'deċiżjonijiet kontradittorji fil-livell tal-qrati tal-Appell iżda wkoll fil-livell tal-HCCJ, u l-proċedimenti tal-qrati dwar l-inkompatibbiltà tal-kawżi għadhom twal. Kawża quddiem l-HCCJ dwar jekk jistax isir appell kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Investigazzjoni tal-Ġid biex kawża tal-ANI ma tmurx quddiem it-tribunal tal-qorti għadha pendent. Iż-żmien li jittieħed sakemm jiġu kkanċellati kuntratti ffirmati bi ksar tal-kunflitt ta' interess, u rekord fqir tal-amministrazzjoni tal-gvern biex issegwihom, ukoll inaqqsu l-forza dissważiva tal-ħidma tal-ANI, kif ukoll jinvolvu telf ta' finanzi pubbliċi.

Id-deċiżjoni li tiġi żviluppata sistema ġdida għall-verifika *ex-ante* rigward il-kunflitt ta' interess fil-proċess tal-ġoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku hija attività addizzjonali prezzjuża għall-ANI.¹⁷ Huwa ovvjament mixtieq li kunflitti ta' interess potenzjali jkunu jistgħu jiġu identifikati u evitati bil-quddiem, qabel jiġu ffirmati l-kuntratti. Obbligu legali fuq l-awtoritajiet kontraenti biex iwiegħbu għall-problemi identifikati mill-ANI se jkun importanti biex is-sistema taħdem. Importanti wkoll tkun dispożizzjoni li, jekk il-kuntratt jibqa' għaddej u s-sentenza tal-ANI tiġi kkonfermata, l-uffiċjal involut fil-kunflitt ta' interess ikun obligat iħallas proporzjon minimu tal-ispejjeż tal-kuntratt. Jekk jirnexxi, dan l-approċċ għandu malajr jiġi estiż mill-fondi tal-UE għall-proċeduri kollha ta' akkwist.

Ikun loġiku li jittieħdu l-lezzjonijiet mill-ħidma preżenti tal-ANI sabiex jiġi mirqum il-qafas legali tagħha. Pakkett li qed jiġi diskuss mal-gvern ikun jinkludi passi importanti bħall-kanċellazzjoni immedjata ta' kuntratt meta deċiżjoni dwar kunflitt ta' interess issir finali, iktar kontrolli fl-istadju tal-ħatra, u aċċess iktar faċli għad-dikjarazzjonijiet ta' interess. Din tkun ukoll opportunità tajba għall-ANI biex tmexxi kodifikazzjoni tal-qafas ta' integrità, li għandha tiżgura wkoll li kwalunkwe ambigwitajiet li jiġu perċepiti fil-qafas jitneħħew.

Madankollu, passi sensibbli bħal dawn jiffaċċaw l-inċertezza li ħolqu d-diversi attentati fil-Parlament biex ixekklu l-effettività tal-qafas tal-integrità.¹⁸ Dan jinkludi pereżempju, attentati biex jinbidlu r-regoli dwar l-inkompatibiltajiet għal rappreżentanti eletti fis-sajf tal-2013 jew l-attentati reċenti biex jiġi mmodifikat il-Kodiċi Kriminali, bl-effett li kategoriji sħaħ ta' individwi jinsatru mir-regoli dwar l-integrità inkluż il-kunflitt ta' interess (ara iktar 'l isfel). Dan jinkludi wkoll każi fejn il-Parlament wera li ma għandux ir-rieda li jimplementa sentenza

¹⁷ It-taqsim 2.1.4. tar-Rapport Tekniku tiddekrivi l-proċess mahsub fid-dettall.

¹⁸ COM(2012) 410 finali, p. 14 tiddekrivi eżempji minn snin reċenti..

tal-ANI, anke meta din ikollha l-appoġġ ta' deċiżjoni tal-qorti. Proposta tal-gvern biex tiġi emendata l-liġi tal-ANI għalhekk għandha ssaħħa u tikkonsolida r-rwol tal-ANI bħala test importanti tar-rieda politika li jinżamm fis-seħħ qafas effettiv ta' integrità.

Il-qafas tal-Integrità Il-Parlament

Rapporti preċedenti tal-MKV ġibdu l-attenzjoni wkoll għar-riskju li r-regoli parlamentari kienu jidhru li jostru lill-parlamentari mill-proċess tal-liġi.¹⁹ Ir-rapport tal-MKV ta' Jannar innota li l-Parlament kien addotta f'Jannar 2013 emendi għall-istatut tal-Membri Parlamentari, li biddlu l-proċedura biex jitneħħew l-immunitajiet f'każi ta' tiftix, arrest jew detenzjoni ta' membri parlamentari u l-prosekuzzjoni ta' eks-Ministri. L-Istatut jidher li huwa pass li jgħin, billi jintroduċi iktar ċarezza rigward l-inkompatibbiltà billi jiġi tterminat mandat, u japplika skadenzi għall-kunsiderazzjoni parlamentari ta' talbiet mill-prosekuzzjoni għal detenzjoni, arrest jew tiftixija ta' parlamentari. Madankollu, ma jeħtieġx iċ-ċaħda ta' prosekuzzjoni biex ikun motivat.²⁰

Minħabba kontestazzjoni li saret fil-Qorti Kostituzzjonali, dawn id-dispożizzjonijiet damu sa Lulju biex jidhru fis-seħħ, u r-regolamenti ta' implimentazzjoni u Kodiċi ta' Kondotta ġdid²¹ għadhom ma ġewx adottati. L-effettività tal-Istatut se jkollha tiġi evalwata maż-żmien. Sfortunatament, il-prattika matul il-ħarifa tal-2013 ma kinitx dejjem tindika li l-membri parlamentari kienu qed ifittxu regoli ġodda biex jipprovdu enerġija ġdida fil-proċedimenti.²² B'mod partikolari, it-tħassib li esprima r-rapport ta' Jannar kien rifless f'sentenza tal-Qorti Għolja li kienet tikkonferma deċiżjoni tal-ANI u ma ġietx implimentata mill-Parlament.²³

2.3 It-trattament tal-korruzzjoni f'livell għoli

Rapporti passati tal-MKV u konklużjonijiet tal-Kunsill enfasizzaw ir-rekord tajjeb tal-istituzzjonijiet responsabbli biex jitrattaw il-korruzzjoni f'livell għoli bħala waħda mit-toroq l-aktar importanti li permezz tagħhom ir-Rumanija qed tavvanza l-oġġettivi tal-MKV. Mill-aħħar rapporti tal-Kummissjoni, kemm id-DNA fil-livell tal-prosekuzzjoni²⁴ kif ukoll l-HCCJ fl-istadju tal-proċess²⁵ żammew rekords tajbin f'ċirkustanzi diffiċli. Kemm f'termini ta' akkużi kif ukoll ta' kundanni, l-applikazzjoni tas-sistema ġustizzjarja lil personalitajiet politiċi b'saħħithom kienet turija importanti ta' fejn tasal il-ġustizzja Rumena.

¹⁹ Pereżempju COM(2012) 410 finali, p. 14

²⁰ COM(2013) 47 finali, p. 7 irrakkomandat li “Għandha tingħata ġustifikazzjoni sħiħa jekk il-Parlament ma jħallix l-infurzar normali tal-liġi jitwettagħ.”

²¹ Il-President tal-Kamra tad-Deputati esprima atteġġjament miftuħ biex il-Kodiċi ta' Kondotta jkun ispirat mill-prassi internazzjonali, b'abbozz mibgħut lill-Parlament Ewropew f'Diċembru 2013.

²² Taqsima 2.2. tar-Rapport Tekniku

²³ Anke wara appoġġ ċar mill-HCCJ u l-Qorti Kostituzzjonali f'kawża li tirrigwarda Senatur.

²⁴ Is-sena 2013 rat żieda sinifikanti fl-għadd ta' imputati (1073 b'kollox). Ara t-taqsima 3.2.3. tar-Rapport Tekniku

²⁵ Il-Qorti Għolja rrapportat ċifri li huma ta' manjitudni komparabbli maċ-ċifri tal-2012. Ara t-taqsima 3.1. tar-Rapport Tekniku

Kien hemm titjib sostanzjali fil-prassi tal-qrati, l-aktar f'dik li hija rapidità tal-investigazzjoni tad-DNA u tas-sentenza.²⁶ Ingħalqet lakuna sinifikanti, biex ma tippermettix kawża tiddewwem permezz ta' riżenja minn post bħal membru parlamentari, u avukati difensuri tar-ronda jkunu jinsabu disponibbli fil-Qorti Għolja biex ma jippermettux li l-assenza ta' avukat difensur tintuża biex il-kawża tiġi differita.

It-trattament tal-korruzzjoni fil-maġistratura²⁷ huwa element importanti għall-kredibilità tas-sistema. Hawnhekk, saru sforzi biex jitjiebu kemm il-koerenza kif ukoll id-dissważività tas-sanzjonijiet permezz tal-proposta ta' abbozz ta' liġi biex il-maġistrati titteħdilhom il-"pensjoni speċjali għas-servizz" wara kundanna definittiva għal reati kriminali b'intenzjoni, inkluża l-korruzzjoni.²⁸

Madankollu, jibqa' l-fatt li t-trattament tal-korruzzjoni fil-livell għoli jiffaċċa ħafna ostakoli. Filwaqt li l-investigazzjonijiet, l-akkużi u l-kundanni jinsabu għaddejnin, hemm evidenza li l-korruzzjoni mhix dejjem tiġi ttrattata bħala delitt serju. Fis-sistema ġudizzjarja, il-preċentwal għoli ta' sentenzi sospiżi jidher li jirrifletti nuqqas ta' rieda min-naħa tal-imħallfin li jaraw sal-aħħar il-konsegwenzi ta' verdett ta' htija²⁹ - f'kontradizzjoni mal-linji gwida tal-Qorti Għolja nnifisha li jirrigwardaw is-sentenzjar. Kwistjoni importanti oħra f'dan ir-rigward se tkun li jitjiebu r-rekords tal-konfiska tal-assi u tal-irkupru tal-assi. Konfiska estiża, biex tippermetti li jiġu kkonfiskati assi mingħand il-qraba, għadha proċedura reċenti u li relattivament rari tintuża.³⁰

Din ir-reluttanza hija enfasizzata meta l-politiċi Rumeni jagħmlu stqarrijiet li jesprimu simpatija ma' dawk kundannati għall-korruzzjoni. L-applikazzjoni inkonsistenti tar-regoli fuq Ministri li jitneħħew mill-karigi tagħhom tagħti l-impressjoni ta' suġġettività. Dan jista' jkun marbut mal-emendi għall-Kodiċi Kriminali li għadda l-Parlament f'Diċembru 2013 mingħajr dibattitu minn qabel jew konsultazzjoni pubblika. Korpi ġudizzjarji Rumeni, inkluża l-Qorti Għolja u l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura esprimew tħassib serju rigward l-emendi, għar-raġunijiet li dawn ikollhom l-effett li joħoggu lill-parlamentari³¹ mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tkopri r-reati ta' korruzzjoni bħat-tixħim, it-traffikar ta' influwenza u l-abbuż tal-kariga. Dejta tad-DNA turi li madwar 28 membru parlamentari ġew ikkundannati jew għaddejnin minn proċess ġudizzjarju għall-korruzzjoni.³²

Emenda oħra kienet reġim modifikat tal-preskrizzjoni li jnaqqas sostanzjalment il-perjodu ta' preskrizzjoni. Rapporti tal-MKV ħafna drabi kkummentaw fuq ir-reġim tal-preskrizzjoni fir-

²⁶ Minn 205 kawżi tad-DNA li fihom deċiżjonijiet finali ttieħdu fil-perjodu ta' referenza, il-maġġoranza (madwar 73%) irċevew soluzzjoni f'inqas minn 4 snin (li fosthom, il-maġġoranza rċevewha fi żmien sentejn). Ara t-tasqsima 3.1. tar-Rapport Tekniku

²⁷ Xi kawżi reċenti ġew irrapportati kemm mill-HCCJ kif ukoll id-DNA.

²⁸ Dan l-abbozz ta' liġi għadda mill-Kamra tad-Deputati iżda għadu quddiem is-Senat.

²⁹ Fil-kawżi li mexxiet id-DNA bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-15 ta' Ottubru 2013, 853 imputat ġew ikkundannati għal priġunerija. Eventwalment, 22,2% (189 kundanna) ġew deċiżi li jiġu esegwiti f'detenzjoni u 77,8% (664 kundanna) ġew deċiżi b'sospensjoni tas-sentenza (jew - sospensjoni b'kundizzjoni, jew sospensjoni taħt sorveljanza). Ara t-tasqsima 3.6.1. tar-Rapport Tekniku

³⁰ Il-Ministeru għall-Ġustizzja rrapporta li l-liġi tal-2012 dwar il-konfiska kienet ġiet implimentata mill-prosekuzzjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-1 ta' Settembru 2013 f'34 kawża. Deċiżjoni tal-qorti waħda biss li tinvolveja l-konfiska estiża ġiet adottata u l-kawża bħalissa tinsab taħt appell fil-Qorti Għolja ta' Kassazzjoni u l-Ġustizzja.

³¹ Kif ukoll il-President u persuni li jħaddmu professjoni bħal avukati, nutara jew bailiffs.

³² Tasqsima 3.2.1. tar-Rapport Tekniku

Rumanija,³³ li jinkludi dispożizzjoni relattivament mhux tas-soltu li l-preskrizzjoni tispiċċa biss meta jkun hemm sentenza tal-aħħar istanza. Dispożizzjonijiet oħra importanti jinkludu d-definizzjoni mill-ġdid tal-kunflitt ta' interess sabiex titneħħa firxa wiesgħa ta' kategoriji ta' persuni mir-responsabbiltà għal reat kriminali.³⁴ Emenda oħra ssuġġerita tidher li jkollha l-effett li tneħħi kwalukwe konsegwenza għall-korruzzjoni minn daww ikkundannati u sentenzjati.³⁵

Dawn l-emendi ġabu reazzjonijiet mill-maġistratura Rumena,³⁶ u mill-komunità internazzjonali.³⁷ Kwistjoni li tqajjmet kien il-fatt li l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Korruzzjoni tiddikjara li l-uffiċjali pubbliċi kollha li għandhom kariga leġislattiva, eżekuttiva, amministrattiva jew ġudizzjarja għandhom ikunu koperti mir-regoli li jirrigwardaw il-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess.³⁸ F'Jannar 2014 il-Qorti Kostituzzjonali tar-Rumanija ddeċidiet li l-emendi ma kinux kostituzzjonali, u kkwotat b'mod partikolari l-ħtieġa tar-rispett għall-obbligi li joħorġu mil-liġi internazzjonali, kif ukoll il-prinċipju tal-ugwaljanza quddiem il-liġi li hija mnaqqxa fil-Kostituzzjoni Rumena. Id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali kienet turija importanti ta' kontrolli u bilanċi fil-prattika, iżda hija ħaġa stramba kif għaddew emendi li jidhru li jmorru direttament kontra prinċipji importanti bħal dawn.

2.4 It-Trattament tal-korruzzjoni fil-livelli kollha

Il-MKV jeħtieġ ukoll sforzi qawwija biex jittratta l-korruzzjoni fil-livelli kollha tas-soċjetà Rumena. L-istħarriġ kontinwament juri li livell għoli ta' tħassib tal-pubbliku rigward il-prevalenza tal-korruzzjoni.³⁹ Filwaqt li l-fatt li personalitajiet bi profil għoli jinġiebu quddiem il-qorti biex jiffaċċaw akkużi ta' korruzzjoni jista' jkollu impatt pożittiv fuq il-perċezzjonijiet, l-indirizzar tal-korruzzjoni fil-livelli kollha jeħtieġ ukoll sforzi kontinwi biex jitnaqqsu l-opportunitajiet għall-korruzzjoni, u imbagħad jintwera li meta din tinkixef ikun hemm il-konsegwenzi. Miżuri maniġerjali u perventivi bħal dawn għadhom lura.⁴⁰

³³ COM(2012) 410 finali rrakkomandat li l-perjodi ta' preskrizzjoni jiġu sospiżi hekk kif tibda investigazzjoni ġudizzjarja.

³⁴ Iktar minn 100 sindku u viċi-sindku bħalissa jinsabu għaddejjin minn proċess ġudizzjarju għal ksur fl-ambitu tar-responsabbiltajiet tad-DNA.

³⁵ Il-konsiderazzjoni għal din l-emenda ġiet posposta.

³⁶ Ara pereżempju l-istqarrija għall-istampa tad-DNA: <http://www.pna.ro/comunicat.xhtml?id=4510&jftfdi=&jffi=comunicat;> u l-HCCJ: <http://www.scj.ro/sesizari%20CC/Hot%20SU%201%202013.pdf>

³⁷ Ara pereżempju r-reazzjoni tal-Ambaxxata tal-Istati Uniti fir-Rumanija <http://romania.usembassy.gov/policy/media/pr-12112013.html>

³⁸ Ara pereżempju, l-Artikolu 4(5) propost tal-Proposta għad-Direttiva dwar il-COM(2012) 363 finali tal-11.7.2012. dwar il-ġlieda kontra l-frodi għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali COM(2012) 363 finali tal-11.7.2012. Dan huwa wkoll skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Korruzzjoni, li tiddefinixxi uffiċjali pubbliċi bħala li jaqgħu taħt ir-regoli dwar il-korruzzjoni bħal kwlunkwe persuna li għandha kariga leġislattiva, eżekuttiva, amministrattiva jew ġudizzjarja ta' Stat Parti, sew jekk maħtura sew jekk eletta.

³⁹ Ara l-Ewrobarometru Nru° 374 ta' Frar 2012, http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/ebs/ebs_374_en.pdf u l-Indiċi tal-Perċezzjonijiet tal-Korruzzjoni: "Transparency International 2013" <http://cpi.transparency.org/cpi2013/results/>

⁴⁰ Bħala eżempju, ta' min jinnota li ħafna sindki kienu f'qagħda ta' inkompatibbiltà meta ma ttehdet ebda azzjoni sakemm l-ANI bdiet tenfasizza l-problema. Għaldaqstant il-kontrolli amministrattivi eżistenti kienu fallaw.

L-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (National Anticorruption Strategy - NAS) hija inizjattiva importanti li rnexxielha testendi qafas komuni għal varjetà wiesgħa ta' istituzzjonijiet Rumeni.⁴¹ Ix-xogħol tagħha li tifrex l-aħjar Prattika u tinkoraġġixxi l-korpi pubbliċi biex jiddedikaw riżorsi u attenzjoni lix-xogħol kontra l-korruzzjoni huwa kjarament prezzjuż.⁴² Il-pass li jmiss għandu jkun li jiġu applikati regoli aktar konsistenti f'oqsma bħal valutazzjoni tar-riskju u standards tal-kontroll intern. Fin-nuqqas ta' setgħat tal-infurzar,⁴³ madankollu, l-Istrateġija tiddependi ħafna fuq il-prijoritizzazzjoni tat-tmexxija tad-diversi istituzzjonijiet. Hemm modi li bihom jista' jintwera l-impenn biex tiġi ttrattata l-korruzzjoni, bħar-rieda li jiġu notifikati l-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni bi trasgressjonijiet: il-fatt li istituzzjonijiet differenti għandhom varjetà wiesgħa ta' rekords diversi fuq miżuri bħal dawn juri nuqqas ta' konsistenza fl-approċċ.

Approċċ importanti ieħor għandu jkun li jiġi żgurat li politiki u leġislazzjonijiet ġodda jkunu mfassla diġà bil-ħsieb tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Eżempju ta' dan ikunu inizjattivi għall-promozzjoni ta' deċentralizzazzjoni u r-reġjonalizzazzjoni, fejn l-iżvilupp tat-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji għandu jkun akkumpanjat minn valutazzjoni tar-riskju u passi biex jagħmlu tajjeb għal vulnerabilitajiet ġodda.⁴⁴

Proġetti speċifiċi kontra l-korruzzjoni sostnuti minn fondi tal-UE, pereżempju fil-Ministeri għall-Edukazzjoni, is-Saħħa, il-Ġustizzja u l-Iżvilupp Reġjonali kif ukoll fl-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali komplew għaddejnin, filwaqt li rendew riżultati interessanti u eżempju possibbli tal-aħjar Prattiki. Il-Kummissjoni qed tistenna bil-ħerqa li tibni fuq daww l-inizjattivi meta tkun qed taħdem biex tiżviluppa proġetti speċifiċi għall-perjodu ta' programmar li jmiss.

Barra mill-ħtieġa li jiġu limitati l-meżżi sabiex tiġi evitata l-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess fl-akkwist pubbliku, is-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni u l-iżgurar ta' iktar stabbiltà joħorġu bħala kwistjonijiet ewlenin mill-maġistrati u l-operaturi li jitrattaw l-akkwist pubbliku fir-Rumanija.⁴⁵ Diversi NGOs, negozji u esperti indipendenti rrappurtaw il-vulnerabilità kontinwa li għandhom il-proċeduri tal-akkwist pubbliku għall-korruzzjoni. Filwaqt li din mhix problema unika għar-Rumanija, hemm ukoll il-kwistjoni ta' kapaċità amministrattiva biex jiġu ttrattati l-proċeduri, b'mod partikolari fil-livell lokali, li titlob għal attenzjoni partikolari, l-aktar min-naħa tal-prevenzjoni. Kwistjoni importanti se tkun it-tiħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-ANRMAP u l-ANI biex tiġi stabbilita sistema *ex-ante* ta' verifika tal-kunflitt ta' interess fil-proċess tal-għoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku, inkluża l-estensjoni rapida tal-aproċċ minn offerti għal fondi tal-UE għall-akkwist pubbliku Rumani kollu.

⁴¹ Pereżempju, kważi 80 % tal-awtoritajiet lokali issa qed jipparteċipaw fl-Istrateġija, wara li nnominaw persuni ta' kuntatt għall-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tan-NAS.

⁴² In-NAS għandha wkoll portal, li joffri l-possibbiltà li jirraporta dejta dwar indikaturi ta' miżuri preventivi kif ukoll awtovalutazzjonijiet tal-istituzzjonijiet pubbliċi.

⁴³ Lil hinn minn lista sewda ta' daww li ma ppubblikawx ir-rapporti tagħhom.

⁴⁴ Il-liġi dwar id-deċentralizzazzjoni dan l-aħħar kienet is-suġġett ta' kontestazzjoni b'suċċess fil-Qorti Kostituzzjonali.

⁴⁵ Pereżempju, il-fatt li saru diversi modifiki fil-liġi dwar il-Qafas Ġenerali tal-Akkwist Pubbliku f'inqas minn sena, ħoloq ħafna konfużjoni. Barra minn hekk, iż-żieda fil-limiti tal-proċess tal-akkwist pubbliku li jista' jsir mingħajr il-proċeduri miftuħa ta' offerti żżid il-vulnerabilitajiet.

3. KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Din l-evalwazzjoni turi li r-Rumanija għamlet progress f'ħafna oqsma mir-rapporti preċedenti tal-MKV. Ir-rekord tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji u tal-integrità baqgħet pożittiva. Tibdil neċessarju leġiżlattiv li ilu mistenni baqa' għaddej skont l-iskeda, u spirtu ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ġudizzjarji u l-Ministeru tal-Ġustizzja qed jgħin biex il-kwistjonijiet maniġerjali jiġu ttrattati. F'dan is-sens is-sitwazzjoni bbenefikat minn atmosfera politika iktar kalma mir-rebbiegħa tal-2013 'l hawn.

Madankollu, it-tħassib rigward l-indipendenza għadu hemm u għad baqa' ħafna eżempji ta' reżistenza għall-miżuri ta' integrità u kontra l-korruzzjoni fil-livelli politiċi u amministrattivi. L-emenda mħaffa u nieqsa mit-trasparenza għall-Kodiċi Kriminali f'Diċembru 2013 qajjmet tħassib mifruż ħafna għaliex kienet sfida fundamentali lir-reġim legali biex jittratta l-korruzzjoni u jipromwovi l-integrità, anke jekk il-Qorti Kostituzzjonali wriet li kienu qed jaħdmu l-kontrolli u l-bilanċji meta ddikjaratha mhux kostituzzjonali. Il-miżura importanti ta' ħatriet kruċjali turi stampa mħallta, b'uħud mill-proċeduri joperaw b'mod miftuħ, trasparenti u bbażati fuq il-meritu filwaqt li oħrajn huma miftuħa għall-kritika minħabba interferenza politika.

Din l-istampa għandha konsegwenzi safejn il-proċess tar-riforma fir-Rumanija jista' jidher sostenibbli. Ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni fil-konfront ta' pressjoni kontinwa wriet li l-approċċ ta' riforma xenxel l-għeruq f'taqsimiet importanti tas-soċjetà Rumana. B'kuntrastr għal dan, il-prontizza li biha l-pedamenti ta' riforma jistgħu jiġu kkontestati fil-Parlament serviet bħala tfakkira li ma hemmx kunsens biex jiġu segwiti l-oġettivi tal-MKV.

Il-Kummissjoni tistieden lir-Rumanija biex tiegħu azzjoni fl-oqsma li ġejjin:

1. L-Indipendenza tal-Ġudikatura

Id-difiża tal-indipendenza tal-ġudikatura mit-tmexxija ġudizzjarja jeħtieġ li tkompli. L-Integrità u l-professjonaliżmu jeħtieġ li jkunu l-fatturi ewlenin li jiggwidaw proċeduri ċari dwar il-ħatriet. F'dan il-qasam ir-Rumanija għandha:

- Tiżgura li l-Kodiċi ta' Kondotta għall-parlamentari jkun jinkludi dispożizzjonijiet ċari sabiex il-membri u l-proċess parlamentari jirrispettaw l-indipendenza tal-ġudikatura, u b'mod partikolari d-deċiżjonijiet ġudizzjarji;
- Tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura jikkonsolida l-kompitu tiegħu li jiproteġi l-indipendenza ġudizzjarja u li jagħti appoġġ lil maġistrati individwali li jiffaċċaw kontestazzjonijiet li jmissu l-indipendenza ġudizzjarja;
- Tiegħu l-opportunità tar-reviżjoni possibbli tal-Kostituzzjoni biex issegwi d-dipożizzjonijiet eżistenti dwar is-separazzjoni tal-poteri b'dikjarazzjoni ċara dwar l-obbligu tal-fergħat tal-eżekuttiv u dak leġiżlattiv li jirrispettaw l-indipendenza tal-ġudikatura;
- Tagħmel sforzi aktar affidabbli rigward informazzjoni/sensibilizzazzjoni immirati lejn il-mezzi tal-informazzjoni u l-pubbliku dwar l-irwol u l-istatus tal-ġudikatura u dwar il-kawżi li jkunu jinsabu għaddejjin.

2. Ir-Riforma ġudizzjarja

Il-progress li sar fit-titjib tal-konsistenza tal-ġurisprudenza u l-prassi ġudizzjarja għandhom jitjiebu, inklużi miżuri biex il-proċedimenti fil-qrati jiġihaffu u biex isir użu minn opportunitajiet ġodda bħall-konfiska estiża. F'dan il-qasam ir-Rumanija għandha:

- Tkompli tħabrek biex tindirizza l-kwistjonijiet tal-volum ta' xogħol u tgħaddi l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa biex tirristruttura s-sistema tal-qrati;
- Tgħammar lill-maniġment ġudizzjarju bl-għodod ta' informazzjoni meħtieġa dwar il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja (bħall-għodod statistiċi, il-ġestjoni tal-kawżi, sħarriġ dwar l-utenti u sħarriġ dwar il-persunal) għal teħid ta' deċiżjonijiet aktar infurmat u biex jintwera progress;
- Tiżgura l-pubblikazzjoni kompleta u fil-ħin u l-aġġornament kontinwu tad-deċiżjonijiet u l-motivazzjonijiet kollha tal-qrati;
- Tiżgura proċess li jinvolvi l-professjonijiet kollha legali u l-amministrazzjoni pubblika;
- Tiffinalizza l-proċedimenti tal-liġi li tirrigwarda l-pensjonijiet tal-maġistrati li jiġu kkundannati għal reati kriminali;
- Ttejjeb is-segwitu tas-sentenzi tal-qrati fil-livelli kollha biex tiżgura li d-deċiżjonijiet u l-penali finanzjarji jiġu implimentati kif suppost.

3. L-Integrità

Il-progress li sar fil-qafas dwar l-integrità jeħtieġ li jiġi kkonsolidat billi jiġi ċċarat il-qafas legali biex jiżgura li ma jiġihallew barra ebda dubji rigward l-applikazzjoni tiegħu. F'dan il-qasam ir-Rumanija għandha:

- Tiżgura li ma jkunx hemm eċċezzjonijiet għall-applikabbiltà tal-liġijiet dwar inkompatibilitajiet, kunflitt ta' interess u ġid mhux ġustifikat;
- Il-gvern u l-ANI għandhom jaħdmu flimkien u jipproponu leġiżlazzjoni biex jitjieb il-qafas tal-integrità;
- Timplimenta l-kontroll *ex-ante* tal-akkwist pubbliku fl-ANI, bil-għan li testendi din il-forma minn fondi UE biss għall-proċeduri kollha tal-akkwist pubbliku;
- Tiżgura li l-implimentazzjoni tal-Istatut Parlamentari ġdid jimmassimizza l-awtomatiċità li biha jiġu applikati d-deċiżjonijiet finali tal-qorti.

4. Il-Ġlieda kontra l-korruzzjoni

Ir-risoluzzjoni li biha ġiet applikata l-liġi għall-korruzzjoni fl-livell għoli teħtieġ tinżamm u tiġi estiża għall-korruzzjoni fuq skala żgħira. F'dan il-qasam ir-Rumanija għandha:

- Tiżgura li l-liġijiet dwar il-korruzzjoni japplikaw l-istess għal kulħadd fuq bażi ugwali
- Ittejjeb il-konsistenza u d-dissważività tal-penali applikati fil-kawżi ta' korruzzjoni fil-qrati kollha madwar ir-Rumanija;

- Ittejjeb l-isforzi fil-prosekuzzjoni ta' korruzzjoni fuq skala żgħira;
- Tiżviluppa Strateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni biex tintroduċi parametri referenzjarji u obbligi aktar konsistenti għall-amministrazzjoni pubblika, u r-riżultati tagħmilhom pubbliċi.